# *Il-Miġja tal-Appostlu Pawlu f'Malta*

## *Tifkira tal-1950 Sena minn din il-ġrajja*

Prof. Pietru Pawl Zerafa O.P.

### Introduzzjoni

L-għejun letterarji tal-*Atti ta' Pawlu u Tekla, l-Ittri ta' Pawlu u l-Atti tal-Appostli* huma s-sors ewlieni li jwaslulna tagħrif dwar l-Appostlu Pawlu u l-ħajja tiegħu. L-Appostlu Pietru jsemmi ukoll lil Pawlu fit-Tieni Ittra (2 Pt 3,15.16), imma jgħid biss li Pawlu jikteb l-Ittri bil-għerf kultant tqil tiegħu.

Fl-*Atti ta' Pawlu u Tekla*: ktieb apokrifu (mhux aċċettat mill-Knisja fost il-Kotba Mqaddsa tal-Bibbja); miktub madwar is-sena 180; fih tagħrif mhux dejjem ta' min joqgħod fuqu; ma jsemmix il-miġja f'Malta; jieħu lil Pawlu direttament mill-Greċja għall-Italja (Filippi, Korintu, Italja). Fl- *Ittri ta' Pawlu*: miktubin mis-sena 51 sas-sena 67; fihom tagħrif sod, imma okkażjonali, mingħajr bijografija sistematika; isemmu t-tliet għarqiet li ġarrab Pawlu qabel ġie Malta (2 Kor 11,25), imma ma jsemmux il-miġja f'Malta. Mill-banda l-oħra fl-*Atti tal-Appostli*: miktub minn Luqa probabbilment ftit wara l-mewt tal-Appostli Pietru u Pawlu, tissema Malta u huwa l-għajn ewlenija għall-miġja ta' Pawlu fostna.

Dan il-Ktieb huwa monografija storiko-reliġjuża tat-tixrid tal-Evanġelju fl-Art Imqaddsa permezz ta' Pietru (Atti 1-12) u fl-Imperu Ruman permezz ta' Pawlu (Atti 13-28). Dwar il-miġja ta' Pawlu jgħid dan li ġej. Pawlu kien sejjer Ruma bħala priġunier, flimkien ma' priġunieri oħra, biex jidher quddiem il-qorti ta' Ċesari kif kien talab hu, billi kien pajżan Ruman (Atti 25,10-12). Telqu mill-port ta' Ċesarija b'ġifen ta' Adramitti (issa Edremit, fil-Punent tat-Turkija). Imxew bil-mod għax ir-riħ kien kontrihom; għaddew taħt Ċipru u waslu Mira (fin-Nofsinhar tat-Turkija). Hemm ħadu ġifen ta' Lixandra sejjer l-Italja. Imxew bit-tbatija kontra r-riħ, għaddew taħt Kreta u waslu Portijiet is-Sbieħ (fin-Nofsinhar ta' Kreta). Billi kien tmiem iż-żmien tat-tbaħħir, telqu lejn Feniċi, port qrib u kenni, biex jgħaddu x-xitwa. Malli ħarġu minn Portijiet is-Sbieħ, qabdithom tempesta qalila bil-Grigal li f'ġimgħatejn tefgħathom ħdejn gżira. Waqfu fuq l-ankri għall-lejl, quddiem bajja bi xtajta. Filgħodu rħew l-ankri biex jidħlu fil-bajja imma nkaljaw u l-ġifen tfarrak. In-nies laħqu l-art bil-għum jew fuq bċejjeċ tal-injam. Il-gżira kien jisimha *Melítè*. Wara tliet xhur telqu lejn Ruma b'ġifen ta' Lixandra.

### L-Għarqa ta' Pawlu

L-għarqa ta' Pawlu, kif tidher f'Atti 27,1-28,11 hija ġrajja ta' tiġrib, mhux epika u mhux letterarja, imma reali, għalkemm imwaħħxa u personalizzata f'Pawlu. Għalhekk turi ċerta artifiċjalità, inkoerenza u esaġerazzjoni.

*Il-ġrajja ta' tiġrib* hija xkiel li jista' jfixkel il-pjan ta' Alla imma jiġi melgħub minnu. Il-ħajja ta' Abraham kienet ġrajja sħiħa ta' tiġrib. Alla sejjaħlu biex flimkien ma' nislu jkun ta' barka għad-dinja kollha (Ġen 12,4). Imma martu Sara ġiet meħuda mill-Fargħun u Alla ħelisha (Ġen 12,17), u mis-sultan ta' Gerar u Alla ħelisha (Ġen 20,6), u ma kellhiex tfal u Alla taha lil Iżakk (Ġen 21,2), li kellu tfixkil minn Ismagħel u Alla ħelsu (Ismagħel intbagħat fid-deżert, Ġen 21,14) u kien wasal biex jiġi ssagrifikat b'ordni mis-sema u Alla ħelsu (floku ġie ssagrifikat muntun, Ġen 22,12): minnu tnissel il-poplu ta' Alla. Pawlu kellu jasal Ruma (Atti 23,11) u jxandar l-Evanġelju lill-ġnus kollha (Atti 9,15); dan il-pjan kien imġarrab minn kullimkien fuq l-art u l-baħar (2 Kor 11,23-33), speċjalment mill-għarqa fil-bajja ta' *Melitè,* imma Alla ħelsu (Atti 27,24); hekk wasal Ruma u xandar l-Evanġelju fl-Imperu Ruman.

*L-epika* hija fissazzjoni letterarja tat-tradizzjonijiet primordjali li jsostnu s-soċjetà jew ir-reliġjon, bħall-*Eneide* ta' Virġilju li tiġġustifika l-ħakma ta' Ruma fuq l-Imperu Ruman bir-rieda tas-sema li mexxa lil Enea, eroj tal-gwerra ta' Trojja flimkien ma' ibnu u l-qalbenin tiegħu, lejn il-post ta' Ruma biex iwaqqfuha u jagħtuha l-ħakma fuq l-Imperu. B'xi mod il-Bibbja, meħuda bħala ktieb wieħed, hija epika reliġjuża sħiħa għaliex tfisser il-fidwa tagħna mfassla minn Alla sa minn dejjem u mwettqa minn Kristu fuq is-salib. Imma l-ħafna biċċiet tagħha huma storiċi, mhux epiċi, speċjalment l-istejjer tas-slaten ta' Ġuda u Israel li jidhru wkoll fl-annali tas-slaten pagani. Hekk ukoll l-għarqa ta' Pawlu hija storika, mhux epika. Fil-fatt xi awtur ħaseb li Luqa adatta storja epika antika għall-ħajja ta' Pawlu. Imma dan mhux probabbli, l-ewwelnett għaliex ma nstabet ebda epika antika tixbah l-għarqa ta' Pawlu, it-tieni għaliex jekk tneħħi lil Pawlu mill-ġrajja tal-għarqa, it-test ta' Atti 27,1-28,11 ma jibqa' fih ebda sustanza: ikun epika bla epika. Is-sura letterarja tal-epika dehret għall-ewwel darba fil-Lvant Nofsani bl-istorja ta' Gilgamex (madwar 3000 q.K., ara *The Epic of Gilgamesh,* f'J.B. Pritchard, *Ancient Near Eeastern Texts Relating to the*

*Old Testament*, Princeton University Press, Princeton N. J., 3[rd] ed. 1969, 3[rd] prin. 1974, pp. 72-99), li kienet mudell għall-epiċi Griegi (per eżempju, l-*Iliade* u l-*Odissea* ta' Omeru) u Rumani (per eżempju, l-Eneide ta' Virġilju).

*Għarqa tassew*, mhux letterarja. J. Wehnert (*Shipwrecked*, artiklu ppublikat fil-ġabra ta' studji Pawlini, *St. Paul in Malta*, Veritas Press, Malta, 1992, pp. 5-38) jissuġġerixxi li l-għajn li biha nqeda Luqa ma kienx fiha żewġ iġfna ta' Lixandra u għarqa: l-istess ġifen telaq minn Mira, għadda x-xitwa fi Kreta, wasal Malta bi vjaġġ qasir u telaq lejn Siraquża; l-għarqa żieda Luqa bħala xena finali tal-opra tiegħu. Is-suġġeriment ta' J. Wehnert ma għandux fundament. Fil-Bibbja hemm xi ġrajjiet letterarji, bħall-Ktieb ta' Ġona li huwa parabbola dwar il-maħfra t'Alla u l-provvidenza universali. Imma fil-każ ta' Pawlu l-għarqa kienet reali: Luqa ma kellux għalfejn joħloq għarqa letterarja, meta Pawlu kellu diversi għarqiet reali, fosthom tlieta qabel wasal Malta (2 Kor 11,25.26), li Luqa lanqas biss isemmihom.

*Twaħħix* Ħafna elementi jwaħħxu l-ġrajja tal-għarqa: vjaġġ bil-baħar (Pawlu ma kellux fortuna mal-qawwiet tal-ilma, 2 Kor 11,25.26); tluq tard fl-istaġun minn Ċesarija u minn Mira (ma kienx possibbli jaslu l-Italja bi vjaġġ wieħed qabel ma jagħlaq it-tbaħħir fil-Mediterran, Atti 27,9); rjieħ kuntrarji u navigazzjoni lajmana (Atti 27,4.7); riħ ta' tifun (Atti 27,14); biża' li jaqgħu fuq is-Sirti (Atti 27,17); ħafna jiem mingħajr xemx jew kwiekeb (Atti 27,20); astinenza twila (Atti 27,21); il-baħrin iridu jaħarbu bid-dgħajsa (Atti 27,30), jew joqtlu lill-priġunieri (Atti 27,30.31); il-lifgħa velenuża li taqbad ma' id Pawlu (Atti 28,4).

*Personalizzazzjoni* Jidher biss Pawlu għalih waħdu, li minn priġunier mill-ewwel tbiddel fi protagonista (il-ktajjen għebu). Il-priġunieri l-oħra, iċ-ċenturjun u s-suldati tiegħu, il-Prim ta' Melítè (u missieru marid u mfejjaq), in-nies tal-gżira, il-ġwiefen u l-istess għarqa jidhru biss f'dak li għandu x'jaqsam ma' Pawlu: l-ewwel ġifen jintesa meta jwassal lil Pawlu sa Mira (Atti 27,5), il-ġifen tal-għarqa jintesa




***L-Appostlu Pawlu fi triqtu lejn Malta***
*Attilio Palombi*
*(1860 – 1913)*

*Abside Kolleġġjata Insinji ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.*

meta jitfa' lil Pawlu fil-bajja ta' Melítè (Atti 27,44), it-tielet ġifen jintesa meta jwassal lil Pawlu Putijoli (Atti 28,13).

*Artifiċjalità, inkoerenza, esaġerazzjoni* B'mod stramb Pawlu jidher taħt żewġ aspetti kontrastanti: huwa fl-istess ħin priġunier u protagonista. In-nisġa tal-ġrajja hija diffikultuża: diffiċli tifhem kif il-baħrin beżgħu li jaqgħu fuq is-Sirti (ix-xtajta tal-Libja) mill-ewwel ġurnata (27,17) meta kien għadhom ġimgħatejn 'il bogħod minn Malta. Iż-żewġ tħeġġiġiet ta' Pawlu biex jittieħed l-ikel m'humiex koordinati tajjeb: l-ewwel waħda saret wara astinenza twila (Atti 27,21; it-test ma jgħidx, imma jissupponi, li dak il-ħin ħadu l-ikel); it-tieni waħda saret wara li kien illhom erbatax-il jum mingħajr ma jieħdu xejn (Atti 27,23; esaġerazzjoni letterarja li tmur iktar ma' l-ewwel tħeġġiġa: it-tieni tħeġġiġa għal ikla ta' radd il-ħajr saret meta kienu waslu għall-ħelsien). Tempesta ta' erbatax-il jum bl-istess Grigal u b'ħafna jiem mingħajr xemx jew kwiekeb hija possibbli fit-teorija, speċjalment meta wieħed iħares lejn l-element soprannaturali tagħha, imma toħloq is-suspett li dan id-dettal jiddependi iktar mit-twaħħix letterarju milli mill-kronaka (Atti 27,20.27).

### Kronoloġija tal-ħajja tiegħu

Iċ-ċelebrazzjoni tal-ġublew Pawlin (28/6/2008 - 29/6/2009) tissupponi li l-Appostlu twieled bejn is-sena 7 u s-sena 10: data possibbli, imma inċerta, kif inċerti huma d-dati bibbliċi kollha. Fil-martirju ta' Stiefnu (Atti 7,58), Pawlu kien *neanías*, żgħir (fil-għomor jew fis-soċjetà, jiġifieri dipendenti, subaltern). Fl-ewwel ħabs ta' Ruma (Film 9) kien *presbútès*, xiħ (fil-għomor jew fis-soċjetà, jiġifieri responsabbli, mexxej). L-istqarrija ta' Salm 90,10 (għomorna huwa sebgħin sena; l-iżjed tmenin għal min hu f'saħħtu) ma tgħoddx hawnhekk, għax Pawlu ma mietx mewta naturali; barra minn hekk, is-sebgħin sena tas-Salm jirreferu għall-imwiet l-iktar komuni, mhux għall-għomor l-iktar mistenni (*life expectancy*) li ġeneralment ikun għaxra inqas.

Skond il-qafas kronoloġiku komunement aċċettat mill-esperti, Pawlu ltaqa' ma' Kristu fit-triq ta' Damasku fis-sena 36 (martirju ta' Stiefnu); ġie arrestat fit-tempju ta' Ġerusalemm fis-sena 58, telaq minn Ċesarija bħala priġunier fis-sena 60, wasal Malta fi tmiem Novembru jew bidu ta' Diċembru ta' l-istess sena, telaq minn Malta fil-bidu tar-Rebbiegħa tas-sena 61.

### *Melítè* ta' Pawlu

L-isem Grieg *Melítè* jaqbel ma' Malta f'nofs il-Mediterran u ma' Mljet (Meleda), gżira tad-Dalmazja (Kroazja) fl-Adrijatiku. Fl-ewwel millennju l-ftit kittieba li semmewha (suddjaknu Arator, *Epos de Actibus Apostolorum, PL* 68, 238; venerabbli Beda, *Expositio de nominibus locorum, vel civitatum quae leguntur in Libro Actuum Apostolorum, PL* 92, 1038) qabbluha ma' Malta. Fi tmiem il-millennju, Constantinus VII Porphirogenitus (905-959) qabbilha ma' Mljet biex iżommha fil-limiti tal-Imperu tiegħu. Xi kittieba mxew warajh jew għażlu xi post ieħor (H. Warnecke, *Die tatsachliche Romfahrt des Apostels Paulus*, Stuttgarter Bibel Stiftung 127, żewġ ħarġiet 1987, għażel lil Ċefalonja, gżira Griega, ħames mitt kilometru 'l isfel minn Mljet). Il-biċċa l-kbira żammew l-identifikazzjoni tradizzjonali (Malta). Żewġ argumenti sħaħ huma favur Malta: (a) Pawlu ħalla *Melítè* b'ġifen ta' Lixandra sejjer lejn Siraqużа, li għadda x-xitwa fil-gżira (Atti 28,11); dan il-ġifen (kienet x'kienet ir-rotta li qabad meta ħareġ minn Lixandra, max-xtajta tal-Palestina jew tal-Afrika) ma kienx jieqaf Mljet (jew post ieħor f'dawk l-inħawi) għax-xitwa: kien jasal Siraqużа qabel Mljet; (b) il-biża' li jaqgħu fuq is-Sirti juri li l-ġifen kien sejjer lejn in-Nofsinhar (Malta) mhux lejn it-Tramuntana (Mljet). Il-fatt li l-għarqa seħħet fl-Adrijatiku (Atti 27,27), mhux kontra Malta għaliex skond Tolomew l-Adrijatiku jinkludi ċ-ċentru tal-Mediterran (*Gwida Ġeografika* 3,4,1; 15,1).

### Il-post tal-għarqa

It-tradizzjoni għażlet il-Bajja ta' S. Pawl, b'sikka fin-nofs fejn presumibilment il-ġifen inkalja u mdawwra b'onomastika Pawlina: fit-Tramuntana hemm il-Gżejjer ta' San Pawl u l-Promontorju ta' Tassu (Tarsu?); fin-Nofsinhar hemm Għajn Rażul, il-knisja Tal-Huġġieġa (li qabel kienet fejn issa hemm it-torri) u l-knisja ta' San Pawl Milqi. Din il-bajja taqbel mat-test ta' Luqa u mar-riħ Grigal.

Minħabba l-post ta' żewġ ibħra' (Atti 27,41), reċentement ġiet proposta l-Bajja tal-Mellieħa (l-Għadira), imma fi żmien Pawlu ma kienx hemm għadira: kien hemm il-wied li jibqa' nieżel sal-baħar. Minħabba l-ankri misjubin f'qiegħ il-baħar, ġew proposti wkoll inħawi oħra bħal Ras il-Qawra, il-Bajja tas-Salina u s-Sikka tal-Munxar. Dawn l-ankri jqajjmu l-interess imma ma jfissru xejn sakemm ma jkunux l-ankri tal-ġifen ta' Pawlu.

### Malta ġeoloġika, tettonika u storika

*Ġeoloġikament* Malta hija biċċa mill-pjattaforma kontinentali Ewropea. Għandha nisel kollu sedimentarju, mingħajr ħjiel tal-qoxra ewlenija, *crust*, tad-dinja. *Tettonikament* hija mbiċċra. L-ikbar qtugħ, li bih il-massa tan-nofs (Kemmuna u madwarha), niżlet fil-fond, f'Malta jgħaddi mal-Victoria Lines u f'Għawdex imur mill-Qala għal Imġarr ix-Xini. *Storikament* l-ewwel kulturi magħrufin ta' Malta (Neolitiku 4000-3000, Ram 3000-2000/1800, Bronż 1800-800)




***L-Appostlu Pawlu iħalli Malta***
*Attilio Palombi*
*(1860 – 1913)*

*Abside Kolleġġjata Insinji ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.*

niżlu mit-Tramuntana u ġiebu magħhom il-kult tat-tempji preistoriċi. Il-kultura Punika (800-218) telgħet min-Nofsinhar. Mis-sena 218 Malta saret biċċa mill-Imperu Ruman u tilfet l-importanza strateġika: kienet maħkuma paċifikament mir-Rumani li ħadu f'idejhom il-Mediterran u l-Lvant Nofsani kollu.

**Pawlu u l-Maltin**

Pawlu sab poplu żgħir u prosperu (biedja, għasel, newl) ta' kultura Punika, immexxi minn ftit Rumani ta' kultura Griega. Seta' jiftiehem magħhom bl-Arami u bil-Grieg (il-kultura Griega f'Malta ma kienetx awtoktona; ġiet bil-kummerċ mal-kolonji Griegi ta' Sqallija; il-Griegi ma qadux Malta). Mill-ewwel ingwalaha magħhom (ġrajja tal-lifgħa u stejjer ta' fejqan). Meta telaq għabbewh b'kull meħtieġ. Ħalla warajh bidu ta' kultura u ġemgħa Nisranija. Mat-tieni seklu, it-tempji Puniċi tal-gżira bdew jiġu abbandunati. Illum madwar elf disgħa mija u ħamsin sena wara din il-ġrajja, din il-kultura nisranija għadha waħda ħajja, kontinwament tissilet kontra t-tempesti tad-dinja taż-żmienna, iżda forsi mingħajr ma nafu rebbieħa bil-qawwa ta' dan l-Appostlu mgħallem kbir tal-ġnus u Patrun tagħna n-Nadurin.

**Xbiehat tal-Appostlu Pawlu**

*Meħuda mill-Abside u l-Kwadru Titulari li jinsabu meqjuma fil-Kolleġġjata Insinji ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta. Ippubblikati fl-okkażjoni ta' dan l-Anniversarju bil-kortesija tal-W. Rev. Kapitlu tal-imsemmija Kolleġġjata Insinji, frott il-ħbiberija li din l-illustrissima Kolleġġjata tgawdi mal-Kolleġġjata Insinji u Bażilika ta' San Pietru u San Pawl tan-Nadur f'ġieħ il-Patrun komuni tagħna l-Appostlu Pawlu.*



## *Nawfraġju tal-Appostlu Pawlu f'Malta*

Matteo Perez d'Alessio
(1547 – 1616)
*Kwadru Titulari*
*Kolleġġjata Insinji ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta.*